**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

**26 ta' Mejju 2025**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju 2025 fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joeline Attard - Kunsilliera
Keith Galea - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Malcolm Gatt - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 14 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **14.1** | **Qari ta' l-ittri ta' apologiji** |
| **14.01.01** | Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri t'apoloġiji tal-kunsillier Malcolm Gatt. |
| **14.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 14.02.01 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 13/2025, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u ġew issekondati mill-kunsilliera is-Sa Joeline Attard. |
| **14.03** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 14.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-arċipriet u s-sankristan ġibdu l-attenzjoni lis-Sindku sabiex il-kunsill joħroġ ċirkulari biex ma jintefgħux karti żagħar fuq iz-zuntier waqt tieġ li jkun hemm fil-knisja. Il-Kunsilliera preżenti ma qablux li dawn ir-regolamenti għandhom joħorġu mill-kunsill, iżda jaqblu li kif jitilqgħu l-għarus u l-għarusa, il-kopja għand tqabbad lil xi ħadd jikness dawn il-konfetti. |
| 14.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li irċieva imejl minn għand UTV stazzjon tal-festi sabiex fi żmien il-festa tal-lokal tiġi reklamat fuq dan l-istazzjon għal-ħlas ta' 100 ewro. Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-festa tal-lokal tixxandar fuq dan l-istazzjon. |
| 14.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li Senglea Athletics talbu is-sala tal-kunsill biex issir il-laqgħa tal-klabb iżda peress li l-ħamis issir il-yoga is-sindku offra li tintuża s-sala tal-Forti San Mikiel . Il-Kunsillier preżenti qablu ma dan. |
| 14.03.04 | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni ukoll sabiex is-Sur Manuel Dalli juża is-sala meta tkun aċċessibbli biex illaqqa' lill-atturi. Il-Kunsilliera qablu ma dan. |
| 14.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kumpanija tal-lottu fi Triq il-Vitorja talab li jerġgħu issiru il-linji biż-żebgħa mal-art u terġa' issir it-tabella mal-faċċata. Il-Viċi Sindku informa lil kunsilliera li din it-tabella kien qalagħha tal-lottu stess għalhekk il-kunsill jordna u jħallas il-kumpanija tal-lottu. |

| | |
|---|---|
| 14.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li attenda għall-konferenza stampa mill-Pjazza għall-Pjazza fejn il-kunsill tal-Isla ħa fondi għal-din l-attivita li ser issir fit-18 t' Ottubru 2025 fejn il-kunsill ingħata 25,000 ewro għal din l-attivita. Filwaqt li leħen il-Gardjola ser issir fit- 8 u 9 t' Awissu bil-fondi għall-kultura. |
| 14.03.07 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li bagħat ittra lil-iskola sabiex imexxu bil-proġett tagħhom li jikkonsisti minn informazzjoni fuq QR code li tiġi aċċesata minn mobajl dwar Triq l-Arkati u l-għar tas-Sirena jew l-għar ta' Mikelin kif jissejjaħ mal-proffessur Anthony Gellel u is-Sa Anna Napier fejn għal din il-laqgħa attendew is-Sindku u l-kunsilliera Joeline Attard. |
| 14.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kien hemm tlett bollards tal-ħadid fi Triq il-Ħabs l-Antik int u dieħel għas-sala tal-Forti San Mikiel li ser jinbidlu għaliex kissruhom it-tlieta li huma u daħħlu rapporti mil-ġenituri tal-istudenti tal-iskola. Ser issir ukoll tabella mal-ħajt tal-iskola bl-approvazzjoni tas-Sa. Napier sabiex ma jipparkjawx u jekk ikun hemm karrozzi jistgħu jiġu it-towjati. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġett. |
| 14.03.09 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera preżenti li l-kunsill talab kwotazzjoni għall-cctv u intgħażlet waħda. Il-Kunsill ser jibgħat il-purchase order sabiex ikun jistgħu jitwaħħlu dawn il-cameras mil-fondi tal-LESA fejn il-Forti San Mikiel. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-kwotazzjoni. |
| 14.03.10 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mas-sindku tal-Furjana sabiex itellgħu rapport ta' kemm u kif qed jonqsu ir-residenti fil-lokalitajiet ta' madwar il-port u l-problema tal-anzjani li qed jonqsu wkoll għaliex il-propjeta qed tgħola u l-propjeta ta' madwar il-port għandha bżonn ta' manutenzjoni kbira. |
| 14.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li wara l-festa tal-Bambina ser issir ix-xogħol fuq il-pavimentar tal-Gardjola bil-fondi tal-Public Works u għalhekk ser tinalaq u mhux ser issiru attivitajiet fil-gardjola sa kemm jitlesta x-xogħol. |
| 14.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li għada it-Tlieta 27 ta' Mejju 2025 il-kuntrattur li ħa it-tender tas-Smart Road Technology ser jipprova l-bollards għal-nofs siegħa. |
| 14.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellu laqgħa ma persuna li tagħmel muniti bħala souvineers fejn minn naħa jkun hemm l-arma ta' Malta u minn quddiem ikun hemm l-arma jew ikona tal-lokal, eż fil-lokalita tal-Isla |

| | |
|---|---|
| | issir il-Gardjola. Il-kunsilliera preżenti qablu ma dan il-kunċett .eżempju bħal ma hemm fil-Paroċċa tal-Madonna ta' Pinu Għawdex. Il-Kunsill ma jħallas xejn u skond kemm ibiegħ jintbgħat persentaġġ mill-qligħ lil kunsill bħal ma taħdem il-magna tas-*soft drinks*. |
| 14.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser issir quddies nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2025 sabiex jitfakkar l-għoxrin sena anniversarju ta' meta intbgħat ir-Redentur Għawdex, min ser jattendi għal-quddies jinfroma lil Fr. Robin. Is-Sindku informa wkoll lil kunsilliera preżenti li l-għada il-Ġimgħa 30 ta' Mejju ser jinkixef il-kappellun tal-ġenb tal-artal tal-knisja tal-Vitorja u l-kunsilliera u s-segretarju eżekuttiv huma mistiedna. |
| 14.03.15 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kien hemm talba sabiex il-kunsill jixtri tokens għas-Senglea Youngsters. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din l-attivita. |
| 14.03.16 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li irċieva invit għal-boat show li ser issir ġewwa Sheer Bastion fejn il-kunsilliera u s-segretarju huma mistiedna fl-4 ta' Ġunju 2025. |
| 14.03.17 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti u lil kunsillier Malcolm Gatt kien kelmu b'telefonata sabiex s-segretarju eżekuttiv is-Sa. Gellel tapplika għal Bye Law għal-Forti San Mikiel sabiex jibda jinkera għall-attivitajiet, kif ukoll is-sala sabiex issir bye law waħda. Għal kirja tas-sala ġie diskuss li l-prezz ikun ta' 500 ewro u l-ħlas tal-cleaner u l-attedent matul l-attivita. Jinżamm ukoll 200 ewro depożitu minħabba xi ħsarat. |
| 14.03.18 | Is-sindku u s-segretarju eżekuttiv infurma lil kunsillera sabiex jieħdu sehem fit-team building li ser jorganizza l-kunsill fil-11 ta' Lulju 2025 f'Għawdex. |
| **14.4** | **Mozzjonijiet** |
| **14.4.01** | Waqt is-seduta numru 14/2025, li saret nhar it-26 ta' Mejju 2025, il-Kunsill Lokali Isla ddiskuta u approva r-Riżoluzzjoni Numru 2/2025 dwar l-iskema **SPI.SCI.05.2025 – Espressjoni ta' interess – Finanzjament Karnival 2026**. Din il-mozzjoni ġiet proposta mis-Sindku, is-Sur Clive Pulis, u sekonduta mill-Viċi Sindku, is-Sur Anthony Bonavia. Waqt il-votazzjoni, ir-riżultat kien ta' erba' membri favur, ħadd kontra u membru wieħed assenti. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill iddeċieda li l-iskema msemmija tiġi approvata. |

| | |
|---|---|
| **14.05** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 14.05.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jien Anthony Bonavia nixtieq insaqsi f'hiex wasal il-proġett tal-kanolli tal-letrina tax-xatt ?<br><br>Is-Sindku irrisponda li l-kunsill qed jistenna ir-rapport tal-perit dwar l-istudju tal-konkos. |
| 14.05.02 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jien Anthony Bonavia nixtieq insaqsi jekk il-kunsill jistgħax iressaq l-ilmenti lil Ministru ikkonċernat dwar it-tħawwil tas-siġar fejn hemm ħawtijiet vojta u fejn hemm siġar mejta, d-dawl li kien hemm maċ-ċnut biex jitneħħa u jerġgħu issiru l-fanali kif kienu qabel fuq iċ-ċint fix-xatt tal-Isla?<br>Is-Sindku irrisponda li t-tħawwil tas-siġar li kienu mejta u dawk il-ħawtijiet li kienu vojta kienu saru. Id-dawl li kien hemm taħt iċ-ċnut u mas-siġar huwa kollu mejjet u li għalissa m'hawnx fondi sabiex jerġgħu issiru il-fanali fuq iċ-ċnut kif kienu fl-antik. |
| **14.06** | **Rapporti** |
| 14.06.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* t' April 2025 u l-petty cash t' April 2025 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsillier is-Sur Keith Galea. |
| **14.07** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 14.07.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 05/2025 għal-għaxar leġislatura fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sa. Joeline Attard. |

| **14.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
|---|---|
| 14.08.01 | Is-Seduta ntemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2025 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 26 ta' Ġunju 2025________

IFFIRMATA________________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA__________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv